



Brussell, 7 ta' Novembru 2019
(OR. en)

13785/19
ADD 1

Fajl Interistituzzjonali:
2018/0059(NLE)

SOC 726
EMPL 550

NOTA PUNT "A"

minn:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 1)
lil:	Kunsill
Nru dok. Cion:	7416/18
Suġġett:	Proposta għal RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL dwar l-aċċess għall-protezzjoni soċjali għall-ħaddiema u għall-persuni li jaħdmu għal rashom - Adozzjoni

DIKJARAZZJONI MILL-UNGERIJA

B'kunsiderazzjoni għall-fatt li l-globalizzazzjoni, l-iżviluppi teknoloġiċi u l-bidliet demografiċi joħolqu sfidi u opportunitajiet ġodda fis-suq tax-xogħol kif ukoll fis-sistemi ta' protezzjoni soċjali tagħna, l-Ungerija tappoġġa l-oġettivi tar-Rakkomandazzjoni li jiġi pprovdut l-aċċess għal protezzjoni soċjali adegwata lill-ħaddiema kollha b'mod partikolari daww f'forom mhux standard ta' impjieg u persuni li jaħdmu għal rashom. L-Ungerija temmen li l-prijorità għandha tkun li tingħata s-setgħa liċ-ċittadini tagħna għal dawn il-bidliet, jinħolqu aktar impjiegi u jiġu involuti fis-suq tax-xogħol il-persuni kollha li jkunu kapaċi jaħdmu u fl-istess ħin tiġi evitata d-dipendenza fuq il-benefiċċji.

L-Ungerija tfakkar li l-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni għandha tkun skont l-Artikolu 153 il-paragrafu (4) TFUE li jikkonferma li "*Id-dispożizzjonijiet adottati skont dan l-Artikolu ma jaffettwawx id-dritt tal-Istati Membri li jiddefinixxu l-prinċipji fundamentali tas-sistemi tas-sigurtà soċjali tagħhom u ma jaffettwawx b'mod sinifikanti l-ekwilibriju finanzjarju tagħhom, [...]*". L-Ungerija tissottolinja li għandhom jitqiesu wkoll il-prinċipju ta' sussidjarjetà, id-diviżjoni tal-kompetenzi stabbiliti fit-Trattati kif ukoll id-differenzi bejn iċ-ċirkostanzi tal-Istati Membri.

L-Ungerija tinterpreta l-Paragrafu 11 dwar l-adeqwatezza kif ġej: l-iżgurar ta' livell adegwat ta' protezzjoni soċjali dejjem għandu jieħu kont taċ-ċirkostanzi tal-Ungerija, l-isfidi u l-prijoritajiet nazzjonali kif ukoll is-sett kollu ta' dispożizzjonijiet previsti mis-sistema nazzjonali tal-protezzjoni soċjali. Meta jitqiesu dawn l-isforzi dejjem għandu jittieħed kont tal-implikazzjonijiet baġitarji.
